*Partijiet oħra fil-proċedura:* Intel Corporation Inc., Association for Competitive Technology, Inc., Union fédérale des consommateurs – Que choisir (UFC – Que choisir)

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata, bl-eċċezzjoni tal-punt 3 tad-dispożittiv tagħha;

— tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;

— tirriżerva l-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellanti tinvoka sitt aggravji.

L-ewwel aggravju: l-eżami mis-sentenza appellata tal-estent tal-analiżi tad-Deċiżjoni [1] tal-kriterji ta' kopertura u tul jikkostitwixxi *ultra petita*. Barra minn hekk, is-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' liġi sa fejn teskludi kull evalwazzjoni ġenerali tal-kapaċità tal-prattiki ta' Intel li jeskludu l-kompetizzjoni fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ u sa fejn tinterpreta b'mod żbaljat il-gwida mogħtija f'dan ir-rigward mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, C-413/14 P, EU:C:2017:632.

It-tieni aggravju: l-eżami mis-sentenza appellata tat-test tal-kompetitur daqstant effiċjenti (test AEC) li sar fid-Deċiżjoni jikser id-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni.

It-tielet aggravju: l-eżami mis-sentenza appellata tat-test AEC fid-Deċiżjoni fir-rigward ta' Dell huwa vvizzjat bi żball ta' ksur tal-livell probatorju meħtieġ, jiżnatura s-sens manifest tal-provi, japplika raġunament kontradittorju u jikser id-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni.

Ir-raba' aggravju: l-eżami mis-sentenza appellata tat-test AEC fid-Deċiżjoni fir-rigward ta' Hewlett-Packard Company huwa vvizzjat bi żball ta' ksur tal-livell probatorju meħtieġ, jikser id-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni u jinkludi diversi żbalji ta' liġi oħra.

Il-ħames aggravju: l-eżami mis-sentenza appellata tat-test AEC fid-Deċiżjoni fir-rigward ta' Lenovo huwa vvizzjat bi żball ta' interpretazzjoni tat-test AEC u tal-Artikolu 102 TFUE, jiżnatura l-provi u jikser id-drittijiet tad-difiża tal-Kummissjoni.

Is-sitt aggravju: sa fejn is-sentenza appellata tibbaża ruħha fuq l-eżami tagħha tat-test AEC tad-Deċiżjoni għall-finijiet tal-annullament parzjali tad-deċiżjoni, hija tonqos milli tieħu debitament inkunsiderazzjoni l-implikazzjonijiet tal-konklużjonijiet tagħha tat-test AEC.

[1] Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 3726 final, tat-13 ta' Mejju 2009, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu [102 TFUE] u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/C 3/37.990 – Intel)

**Appell ippreżentat fil-15 ta' April 2022 minn Arysta LifeScience Great Britain Ltd mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fid-9 ta' Frar 2022 fil-Kawża T-740/18, Taminco u Arysta LifeScience Great Britain vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-259/22 P)**

(2022/C 222/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Arysta LifeScience Great Britain Ltd (rappreżentant: C. Mereu, avocat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea, Taminco BVBA

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja joghġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tannulla r-regolament ikkontestat ([1]) u tordna li l-appellanti tiġi rrimborsata l-ispejjeż li hija sostniet fil-kuntest kemm ta' dan l-appell kif ukoll tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali, jew inkella, tordna li l-appellanti tiġi rrimborsata l-ispejjeż li hija sostniet fil-kuntest ta' dan l-appell u tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali għal eżami mill-ġdid.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

1. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li d-drittijiet tad-difiża tal-appellanti huma limitati għad-dispożizzjonijiet speċifiċi previsti fl-Artikoli 12(3) u 14(1) tar-Regolament 844/2012. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta naqset milli tqis li l-proċess għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanzi huwa ta' natura amministrattiva u, għalhekk, l-appellanti tista' teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha lil hinn mid-dispożizzjonijiet previsti fil-qafas legali rrilevanti li jipprevedi espliċitament tali drittijiet (per eżempju r-Regolamenti 1107/2009 ([2]) u 844/2012 ([3])).

2. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-appellanti ma tistax tirtira wieħed mill-użi rappreżentattivi tad-dossier tan-notifika. Skont ir-Regolamenti 1107/2009 u 844/2012, il-libertà li jintgħażlu l-użi rappreżentattivi fil-bidu tal-proċedura għat-tiġdid tirrifletti u neċessarjament tinvolvi l-libertà li dawn jiġu rtirati matul tali proċedura.

   Il-Qorti Ġenerali wettqet ukoll żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Linji Gwida Amministrattivi tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel (EFSA) huma applikabbli. Il-proċedura għat-tiġdid hija proċedura waħda li tiġbor taħtha żewġ fażijiet interkonnessi. Għalhekk huwa irrilevanti li l-Linji Gwida Amministrattivi tal-EFSA jirrigwardaw il-proċedura li tinbeda permezz tal-"preżentazzjoni ta' applikazzjoni u li tintemm bl-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tal-konklużjonijiet tal-EFSA", u li, b'konsegwenza ta' dan, l-irtirar seta' jseħħ biss matul l-ewwel fażi quddiem l-EFSA.

3. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u/jew żnaturat il-provi, u għalhekk waslet għal konklużjoni legali żbaljata, meta rreferiet għall-użi tas-sustanza fuq il-weraq sabiex tiġġustifikax d-deċiżjonijiet dwar l-użu tat-trattament taż-żrieragħ. Hija b'mod inkonsistenti għamlet riferimenti għal kwistjonijiet relatati mal-użi fuq il-weraq – li ġie rtirat mill-appellanti – sabiex tiddeċiedi li "il-Kummissjoni ma kinitx obbligata li tibbaża r-Regolament ta' Implimentazzjoni kkontestat biss fuq raġunijiet marbutin mal-użu tat-tiram għat-trattament taż-żrieragħ".

   Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u/jew żnaturat il-provi meta ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet emendat ir-regolament ikkontestat b'mod korrett sabiex jirrifletti l-irtirar tal-użi fuq il-weraq. Ir-regolament ikkontestat għadu jsostni n-nuqqas ta' tiġdid tat-tiram abbażi ta' kwistjonijiet relatati mal-użi fuq il-weraq (per eżempju l-premessa 8 tar-regolament ikkontestat tipprevedi: "L-Awtorità identifikat riskju għoli għall-konsumaturi u għall-ħaddiema mill-applikazzjoni tat-tiram permezz tal-bexx tal-weraq."), li ġie rtirat mill-appellanti.

4. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, żnaturat il-provi u/jew ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq motivazzjoni inkonsistenti u/jew mingħajr ma pprovdiet motivazzjoni suffiċjenti, meta qieset li l-metabolita M1 huwa rrilevanti għall-evalwazzjoni tal-użu tat-trattament taż-żrieragħ. Il-Qorti Ġenerali kellha tinjora kull riferimenti għall-metabolita M1 – relatat direttament mal-użi fuq il-weraq – minħabba li dan l-użu kien ġie rtirat.

   Il-Qorti Ġenerali għamlet l-istess meta ddeċidiet li hemm riskju għall-użu tat-trattament taż-żrieragħ minħabba l-preżenza tal-metabolita DMCS. Ir-riskju għandu jitqies bħala aċċettabbli għat-trattament taż-żrieragħ f'dak li jirrigwarda l-metabolita DMCS peress li r-rati huma ħafna iktar baxxi għat-trattament taż-żrieragħ u nstabu li huma taħt il-livell ta' tħassib.

5. Il-Qorti Ġenerali interpretat il-prinċipju ta' prekawzjoni b'mod żbaljat u/jew wettqet żball ta' liġi u/jew żnaturat il-provi tal-proċess u għalhekk waslet għal konklużjoni legali żbaljata meta ddeċidiet li l-Kummissjoni wettqet analiżi ta' impatt xieraq taħt il-prinċipju ta' prekawzjoni. Il-Kummissjoni ma wettqet ebda analiżi ta' impatt, iżda sempliċement iddeċidiet li "ir-riskji u l-problemi kkonstatati [jieħdu s-sopravvent] fuq l-effett tal-eventwali telf tas-sustanza". Il-Kummissjoni setgħet minn tal-inqas speċifikat l-elementi allegatament meħuda inkunsiderazzjoni sabiex tasal għal tali Deċiżjoni.

(1) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1500 tad-9 ta' Ottubru 2018 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva tiram, li jipprojbixxi l-użu u l-bejgħ taż-żrieragħ ittrattati bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom it-tiram, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU 2018, L 254, p. 1).

(2) Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU 2009, L 309, p. 1).

(3) Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012 tal-Kummissjoni tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 (ĠU 2012, L 252, p. 26).

## Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Marzu 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

**(Kawża C-57/20)** (1)

(2022/C 222/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(1) ĠU C 87, 16.03.2020.

## Digriet tal-President tat-Tielet Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jaġixxi bħala President tad-Disa' Awla tal-4 ta' Marzu 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landesgericht Korneuburg – l-Awstrija) – Airhelp Limited vs Austrian Airlines AG

**(Kawża C-164/20)** (1)

(2022/C 222/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

Il-President tad-Disa' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(1) ĠU C 230, 13.07.2020.

## Digriet tal-President tat-Tieni Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Frar 2022 – ViaSat, Inc. vs Il-Kummissjoni Ewropea, Inmarsat Ventures SE, li kienet Inmarsat Ventures Ltd

**(Kawża C-235/20)** (1)

(2022/C 222/36)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tat-Tieni Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(1) ĠU C 9, 11.01.2021.